



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' April 2023
(OR. en)

8322/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0095(COD)

PROCIV 22
JAI 451
COHAFA 43
FIN 426
CODEC 610
CADREFIN 48

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	14 ta' April 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 194 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 194 final.

Mehmuż: COM(2023) 194 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.4.2023
COM(2023) 194 final

2023/0095 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li temenda d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-
Protezzjoni Ċivili**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-proposta hija maħsuba biex temenda d-Deċiżjoni 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili¹ ("id-Deċiżjoni"), li skontha l-Unjoni Ewropea tappoġġa, tikkordina u tissupplimenta l-azzjonijiet tal-Istati Membri² fil-qasam tal-protezzjoni ċivili għall-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għal diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem fl-Unjoni u barra minnha.

L-uniku skop tal-modifika proposta huwa li jiġi żgurat li l-Unjoni tkun tista' tkompli tipprovdi appoġġ ta' emerġenza lill-Istati Membri fil-ġlieda kontra n-nirien fil-foresti permezz tal-kapaċitajiet żviluppati fil-qafas tat-"tranżizzjoni rescEU", sakemm il-flotta Ewropea permanenti tat-tifi tan-nar fil-foresti ssir disponibbli. F'termini konkreti, din il-proposta tissuġġerixxi l-estensjoni tat-tmiem tal-perjodu tranżitorju msemmi fl-Artikolu 35 mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2027. Din id-data hija allinjata ma' tmiem il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) attwali.

B'temperaturi li qed jogħlew u perjodi twal ta' nixfa, ir-riskju ta' nirien fl-Unjoni qed jespandi u n-nirien fil-foresti qed isiru aktar frekwenti u intensi. L-istaġun tan-nirien fl-Unjoni tal-2022 kien staġun rekord. L-għadd totali ta' nirien fil-foresti fl-Unjoni ta' aktar minn 30 ettaru kien jammonta għal 2 707. Inħarqu 786 316 ettaru ta' art (aktar minn tliet darbiet id-daqs tal-Lussemburgu). Dan l-ammont żdied b'mod sinifikanti meta mqabbel mas-sena ta' qabel (416 413 ettaru). Barra minn hekk, id-data għall-2022 turi żieda ta' aktar minn 250 % fuq id-daqs medju ta' art maħruqa minn meta bdiet ir-reġistrazzjoni fil-livell tal-Unjoni fl-2006. In-nirien fil-foresti saru tħassib serju pan-Ewropew, li jaffettwa mhux biss lir-reġjun tal-Mediterran, iżda wkoll lill-pajjiżi li jinkludu r-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja u s-Slovenja, kif juru l-attivazzjonijiet reċenti tagħhom tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili. Eżempju sinifikanti huwa dak tal-Iżvezja li fl-2018 esperjenzat nirien severi fil-foresti. Fl-2022, 20 Stat Membru rreġistraw aktar żoni maħruqa mill-medja li kellhom matul is-snin preċedenti.

Kif juru l-istaġuni tan-nirien f'dawn l-aħħar snin, it-telf ambjentali, klimatiku, ekonomiku u soċjetali assoċjat man-nirien fil-foresti huwa enormi. Fl-2022 biss, in-nirien fil-foresti wasslu għal telf ekonomiku stmat ta' aktar minn EUR 2 biljun, u ġġeneraw aktar minn 25 miljun tunnellata ta' CO₂. Madwar 35 % taż-żoni li nħarqu fl-2022 jiffurmaw parti mis-siti tan-Natura 2000³.

¹ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924–947

² Fid-dawl tal-Artikolu 28(1a) tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE, fejn issir referenza għall-Istati Membri, għandu jinftehem li din tinkludi l-Istati Parteċipanti kif iddefinit fl-Artikolu 4(12) tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE.

³ Natura 2000 hija network ta' siti importanti ta' tnissil u mistrieħ għal speċijiet rari u mhedda, u xi tipi ta' habitats naturali rari li huma protetti fihom infushom, li jestendu madwar is-27 pajjiż tal-UE, kemm fuq l-art kif ukoll fil-baħar. L-għan tan-network huwa li jiżgura s-sopravivenza fit-tul tal-ispeċijiet u l-habitats l-aktar prezzjużi u mhedda tal-Ewropa, elenkati kemm fid-Direttiva dwar l-Għasafar (id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi) kif ukoll fid-Direttiva dwar il-Habitats (id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa).

Din l-aċċellerazzjoni allarmanti tan-nirien fil-foresti madwar l-Ewropa mistennija li tkompli fis-snin li ġejjin minħabba l-impatt tat-tibdil fil-klima. Il-President Von der Leyen indirizzat dan it-tħassib fid-diskors tagħha dwar l-Istat tal-Unjoni f'Settembru 2022, fejn iddikjarat li *“waqt li d-diżastri qed isiru dejjem aktar frekwenti u aktar intensi, l-Ewropea se jkollha bżonn ta' kapaċità akbar.. Huwa għalhekk li llum nista' nħabbar li se nirduppraw il-kapaċità tagħna li niġġieldu n-nirien matul is-sena li ġejja.”*

B'emenda għad-Deċiżjoni fl-2019⁴, rescEU nħolqot bħala riżerva Ewropea ta' kapaċitajiet biex tipprovdi assistenza f'sitwazzjonijiet urġenti fejn il-kapaċitajiet eżistenti ġenerali fil-livell nazzjonali u daww impenjati minn qabel mill-Istati Membri għar-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili ma jkunux jistgħu jiżguraw rispons effettiv għad-diversi tipi ta' diżastri jew ma jkunux biżżejjed. Tali kapaċitajiet ġew żviluppati, b'mod partikolari, fil-qasam tat-tifi tan-nar fil-foresti mill-ajru biex jissupplimentaw il-kapaċitajiet nazzjonali⁵. Filwaqt li xi wħud minn dawn il-kapaċitajiet huma faċilment aċċessibbli fis-suq u jistgħu jinxtraw relattivament malajr, id-disponibbiltà tal-kapaċitajiet tat-tifi tan-nar fil-foresti mill-ajru tiegħu aktar żmien. Sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel lejn l-implimentazzjoni sħiħa tar-rescEU, il-Kummissjoni nġhatat is-setgħa, għal perjodu tranżitorju ta' ħames snin inizjali, li tipprovdi finanzjament biex tiżgura d-disponibbiltà rapida tal-kapaċitajiet nazzjonali rilevanti. Ġie speċifikat ukoll li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu hilitom biex jiksbu kapaċitajiet addizzjonali, inklużi elikopters għat-tifi tan-nar, sabiex jirrispondu aħjar u b'mod aktar effiċjenti għar-riskju ta' nirien fil-foresti, sa mis-sajf tal-2019⁶. Dak iż-żmien ġie stmat, abbażi ta' studju tas-suq dwar l-assi għat-tifi tan-nar fil-foresti mill-ajru attwalment disponibbli rilaxxati fid-9 ta' Lulju 2018⁷, li ħames snin ikunu biżżejjed, b'mod partikolari biex iġenji tal-ajru speċjalizzati jkunu aċċessibbli għal darb'oħra fis-suq, li jippermetti l-iżvilupp ta' flotta permanenti. Għalhekk, fl-Artikolu 35 tad-Deċiżjoni, l-1 ta' Jannar 2025 ġie introdott bħala d-data ta' skadenza għall-applikazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni tranżitorja. Madankollu, żviluppi riċenti fis-suq u b'mod aktar speċifiku, in-nuqqas ta' iġenji tal-ajru speċjalizzati ħafna meħtieġa fis-suq juru li hemm bżonn ta' perjodu itwal (lil hinn mill-2024) għall-iżvilupp ta' iġenji tal-ajru amfibji għat-tifi tan-nar fil-foresti mill-ajru. In-negożjati mal-manifattur ta' tali iġenji tal-ajru speċjalizzati huma fl-istadju finali tagħhom; il-konsenja ta' dawn l-ewwel ajruplani bi spiża miftiehma mistennija li tibda fl-2026 skont l-aħħar assigurazzjonijiet li pprovda l-manifattur. Għalhekk, id-data ta' skadenza stabbilita fl-Artikolu 35 jeħtieġ li tiġi prorogata sa tmiem il-QFP attwali, li huwa l-31 ta' Diċembru 2027. Dan il-perjodu jkopri l-pakkett finanzjarju kollu tal-QFP tal-UCPM f'konformità mal-Artikolu 19.1a.

Din il-proposta hija maħsuba biex tiżgura d-disponibbiltà rapida tal-kapaċitajiet nazzjonali rilevanti lil hinn mill-istaġun tan-nirien fil-foresti tal-2024, meta tiskadi l-applikazzjoni tad-dispożizzjoni tranżizzjonali attwali. Il-kuntratti jeħtieġ li jitħejjew sew minn qabel, fl-2024, għall-iskjerament ta' kapaċitajiet ta' tifi tan-nar fil-foresti mill-ajru. B'riżultat ta' dan, id-Deċiżjoni jeħtieġ li tiġi emendata fil-perjodu leġislattiv attwali biex tippermetti li t-tħejjijiet

⁴ Id-Deċiżjoni (UE) 2019/420 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2019 li temenda d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili ĠU L 77I, 20.3.2019, p. 1.

⁵ Oqsma oħra tar-rescEU jkopru, fost l-oħrajn, inċidenti kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari, rispons mediku ta' emerġenza, kif ukoll it-trasport u l-loġistika u l-provvista tal-enerġija ta' emerġenza.

⁶ Il-premessa 34 tad-Deċiżjoni (UE) 2019/420 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2019 li temenda d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, ĠU L 77I, 20.3.2019, p. 1.

⁷ STUDJU DWAR IL-KUNTRATT TAL-ASSI TAT-TIFI TAN-NAR FIL-FORESTI MILL-AJRU ECHO/2018/A1/396_01.

jibdew fl-2024. Għalhekk, huwa urġenti li l-koleġislaturi jiddeliberaw malajr dwar din il-proposta mmirata.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din il-proposta tikkonċerna esklussivament l-estensjoni tal-perjodu msemmi fl-Artikolu 35 tad-Deċiżjoni u ma taffettwax b'mod ieħor is-sustanza ta' dik id-dispożizzjoni. Għalhekk, il-proposta tibqa' kompletament konsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti f'dan il-qasam.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-ebda att leġislativ skont politiki oħra tal-Unjoni ma jista' attwalment jilħaq l-oġettiv segwit minn din il-proposta. Għalhekk, ma hemm l-ebda trikkib ma' azzjonijiet oħra fil-qasam ta' politika. Madankollu, qed tingħata attenzjoni biex jiġu żgurati koordinazzjoni, konsistenza u komplementarjetà mill-qrib ma' azzjonijiet imwettqa fil-qafas ta' politiki oħra tal-Unjoni. Toħloq ukoll sinerġiji ma' oqsma oħra ta' politika, bħall-adattament għat-tibdil fil-klima u strumenti fil-qasam tal-prevenzjoni tad-diżastri u t-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri li għandhom l-għan li jindirizzaw aħjar l-impatti tat-tibdil fil-klima.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għal din il-proposta hija l-Artikolu 196 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-Unjoni għandha kompetenza ta' appoġġ fil-qasam tal-protezzjoni ċivili. L-Istati Membri jerfgħu r-responsabbiltà primarja f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni, it-tkejjira u r-rispons għad-diżastri. Waħda mir-raġunijiet li l-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili ġie stabbilit hija peress li diżastri kbar jistgħu jkunu akbar mill-kapaċitajiet ta' reazzjoni ta' kwalunkwe Stat Membru li jaġixxi waħdu. Il-pern tiegħu hu l-ġhoti ta' assistenza reċiproka rapida u kkoordinata tajjeb fost l-Istati Membri. L-oġettiv tal-proposta ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri meta jaġixxu waħedhom. Dan huwa partikolarment sinifikanti meta dawn iħabbtu wiċċhom ma' diżastru, jew diversi diżastri, b'impatti b'firxa wiesgħa li jegħlbu l-kapaċitajiet tal-Istati Membri u li jistgħu jfixklu l-assistenza reċiproka bejniethom. L-azzjoni tal-Unjoni f'dan il-qasam għalhekk tinvolvi l-ġestjoni ta' sitwazzjonijiet b'komponenti transfruntiera u multinazzjonali/reġjonali b'saħħithom li jeħtieġu koordinazzjoni ġenerali u azzjoni miftiehma lil hinn mil-livell nazzjonali. Dan jinkludi l-forniment ta' kapaċitajiet bħal inġenji tal-ajru speċjalizzati li jistgħu jnaqqsu l-impatti tan-nirien fil-foresti. Il-benefiċċji jinkludu t-tnaqqis tat-telf ta' ħajjiet umani, kif ukoll tal-ħsara ambjentali, ekonomika u materjali.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-oġettiv u tibni fuq il-politika eżistenti. Hija tindirizza lakuna speċifika li ġiet identifikata mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni (UE) 2019/420 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili u r-Regolament (UE) 2021/836 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda d-Deċiżjoni 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili u tipproponi soluzzjoni mmirata. Il-piż

amministrattiv li jaqa' fuq l-Unjoni u l-Istati Membri jibqa' limitat peress li l-proposta attwali ma tbiddilx dan.

- **Għażla tal-istrument**

Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni limitat tagħha, proposta għal Deċizzjoni li temenda d-Deċizzjoni Nru 1313/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili hija ssuġġerita kif xieraq.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Wara n-nirien devastanti fin-Nofsinhar u ċ-Ċentru tal-Ewropa fl-2022, il-Kummissjoni Ewropea organizzat Laqgħa Ministerjali Informali dwar it-Tisħiħ tat-Tħejjija u r-Rispons għan-Nirien Selvaġġi fi Brussell fil-5 ta' Settembru 2022. Il-Ministri, is-Segretarji tal-Istat u d-Diretturi Ġenerali għall-Protezzjoni Ċivili tal-Istati Membri ddiskutew azzjoni Ewropea kkoordinata rapida, fil-qafas tal-UCPM, biex l-Unjoni u ċ-ċittadini tagħha jiġu protetti aħjar min-nirien fl-2023 u lil hinn. Tqajjem tħassib partikolari dwar in-nuqqas ta' biżżejjed ajruplani u elikopters għat-tifi tan-nar fil-pajjiżi kollha affettwati li jpoġġi pressjoni addizzjonali fuq ix-xibka ta' sikurezza Ewropea staġjonali diġà stabbilita tal-inġenji tal-ajru għat-tifi tan-nar, ikkofinanzjata mill-Kummissjoni u maħsuba biex timla temporanjament il-lakuni sakemm il-flotta Ewropea ġdida permanenti ta' inġenji tal-ajru għat-tifi tan-nar (imsejħa rescEU u magħmula minn 14-il ajruplan amfibju ta' daqs medju u ħafif u disa' elikopters ta' daqs medju biex jikkomplementaw il-flotot nazzjonali) issir disponibbli mill-2026 'l quddiem. Għalhekk intlaħaq kunsens wiesa' biex tiġi estiża x-xibka ta' sikurezza Ewropea staġjonali eżistenti tal-ajruplani tat-tifi tan-nar billi tiġi ffinanzjata l-inklużjoni ta' elikopters u inġenji tal-ajru ħfief addizzjonali f'żoni Ewropej ewlenin mis-sajf tal-2023 'l quddiem. Dan l-approċċ ġie diskuss ukoll fid-49 laqgħa informali tad-Diretturi Ġenerali għall-Protezzjoni Ċivili fi Praga f'Ottubru 2022 u mal-Istati Membri fil-livell tekniku.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Fit-tħejjija ta' din il-proposta, il-Kummissjoni qagħdet fuq għarfien espert estern dwar is-suġġett tal-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għan-nirien fil-foresti. Wieħed mill-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni, "Grupp ta' esperti dwar it-tagħlimiet meħuda mill-emerġenzi ttrattati" ltaqa' fl-10-11 ta' Jannar 2023⁸. Fost l-eżiti ewlenin ta' din il-laqgħa kien hemm il-kunsens li l-istaġun tan-nirien tal-2022 kien wieħed mill-akbar sfidi fl-istorja tal-Ewropa u li hemm nuqqas ċar ta' assi mill-ajru madwar l-Ewropa biex jiġi indirizzat għadd dejjem jikber ta' nirien simultanji. L-analiżi tad-distakk taċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza turi diskrepanza medja ta' kuljum ta' erba' inġenji tal-ajru matul il-perjodi b'talbiet miftuħa ta' assistenza mill-Istati Membri, b'massimu ta' 10 inġenji tal-ajru matul xi jiem tal-perjodu attiv ta' nirien fil-foresti. L-esperti rrikonoxxew ħtieġa ċara għal aktar assi kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-Unjoni.

⁸ [Ir-Reġistru tal-Gruppi ta' Esperti tal-Kummissjoni u Entitajiet Oħra Simili \(europa.eu\)](#)

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Minħabba n-natura teknika u urġenti tal-proposta, ma twettqet l-ebda valutazzjoni tal-impatt. Madankollu, it-tagħlimiet meħuda mill-istaġun tan-nirien fil-foresti tal-2022, identifikati f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-Unjoni, ikkontribwew għall-proposta (il-partijiet ikkonċernati qablu mal-proroga tal-applikazzjoni tad-dispożizzjoni). Dan ikkontribwixxa għal valutazzjoni tal-impatt tal-politika proposta li se testendi l-prattika attwali.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux rilevanti.

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux rilevanti.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

B'seħħ mill-2023, il-flotta tranżitorja tar-rescEU timmira li jkollha total ta' 22 ajruplan u 4 elikopters. Is-sostenn ta' dan il-livell ta' kapaċità tal-flotta sa tmiem il-QFP attwali (jiġifieri, l-31 ta' Diċembru 2027) huwa indispensabbli. Minħabba l-investiment ġenerali li sar fil-flotta tat-tifi tan-nar fil-foresti mill-ajru, l-impatt baġitarju stmat jista' jiġi integrat fil-pakkett finanzjarju eżistenti tal-UCPM.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

L-Artikolu 34 tad-Deċiżjoni jipprevedi li l-azzjonijiet li jirċievu assistenza finanzjarja għandhom jiġu mmonitorjati regolarment sabiex tiġi segwita l-implimentazzjoni tagħhom. Il-Kummissjoni trid tevalwa l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni u tippreżenta rapporti ta' evalwazzjoni *interim* u *ex post*, kif ukoll komunikazzjoni dwar l-effettività, il-kosteffiċjenza u l-implimentazzjoni kontinwa tad-Deċiżjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Jenħtieġ li tali evalwazzjonijiet ikunu bbażati fuq l-indikaturi elenkati fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni. Bħalissa għaddejja evalwazzjoni u mistennija li tiġi ffinalizzata sa Diċembru 2023 f'konformità mal-Artikolu 34(3) tad-Deċiżjoni.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux rilevanti.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Din l-inizjattiva leġislattiva tipproponi l-estensjoni tad-data ta' skadenza tal-perjodu msemmi fl-Artikolu 35 tad-Deċiżjoni sal-31 ta' Diċembru 2027.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 196 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-propostatal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni¹⁰,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹ tiddefinixxi l-qafas legali tar-rescEU. rescEU għandha l-għan li tipprovdi assistenza f'sitwazzjonijiet urġenti fejn il-kapaċitajiet eżistenti ġenerali fil-livell nazzjonali u dawk impenjati mill-Istati Membri għar-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili ma jkunux jistgħu jiżguraw rispons effettiv.
- (2) B'temperaturi li qed jogħlew u perjodi twal ta' nixfa, ir-riskju ta' nirien fl-Unjoni Ewropea qed jespandi u n-nirien fil-foresti qed isiru aktar frekwenti u aktar intensi. Id-disponibbiltà limitata ta' kapaċitajiet ta' rispons speċjalizzati, inklużi l-kapaċitajiet amfibji tat-tifi tan-nar fil-foresti mill-ajru, għadha dgħufija kbira u tikkostitwixxi l-isfida operazzjonali ewlenija tal-Unjoni meta tiffaċċja nirien simultanji fil-foresti.
- (3) Minħabba l-flessibbiltà meħtieġa li nġatat mill-perjodu previst fl-Artikolu 35 tad-Deċiżjoni 1313/2013/UE, huwa kruċjali li l-iskadenza tal-“1 ta' Jannar 2025” tiġi prorogata għall-“31 ta' Diċembru 2027” biex jiġi żgurat li l-Unjoni tkun tista' tiżgura kapaċitajiet addizzjonali tar-rescEU mill-ajru fil-qafas tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili filwaqt li l-flotta Ewropea permanenti tat-tifi tan-nar fil-foresti tiġi stabbilita gradwalment.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tiġi emendata skont dan,

⁹ ĠU C , , p. .

¹⁰ ĠU C , , p. .

¹¹ Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924).

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Emenda

Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 35, l-ewwel paragrafu, id-data “1 ta’ Jannar 2025” hija sostitwita bid-data “31 ta’ Diċembru 2027”.

Artikolu 2

Id-dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President